**20 ta' Novembru, 1990**

**Imħallfin: –**

**Onor. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S., – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can. (Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbllika ta' Malta

*versus*

Joseph Borg u Carmel *sive* Charles Borg

**Piena taħt il-Minimu – Multa – Massimu tal-Multa**

*Meta l-Qorti, fid-diskrezzjoni li jagħtiha l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, li mhux biss tinfliġġi piena li hi taħt il-minimu stabbilit mil-liġi, iżda ukoll li dina l-piena tkun tikkonsisti f'multa, dik il-Qorti hi marbuta bil-massimu ta' Lm500 li jipprefiġġi l-artikolu 11.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-21 ta' Mejju, 1990;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Joseph Borg u Carmel *sive* Charles Borg ippreżentat, fl-24 ta' Mejju, 1990 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti "jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha dwar ir-reità, tibdilha dwar il-piena u minflok il-piena inflitta tagħti l-piena illi tirrientra fil-kwalità u fl-ammont skond il-liġi kif stabbilit mill-artikolu 7 u mill-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali jew fi kwalunkwe każ

minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li din il-Qorti jogħġobha tapplika dawk il-provvedimenti li huma possibbli taħt il-liġi li aktar jagħmlu għall-każ'';

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjonijiet li ġejjin, u ċjoè:

A) L-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni illi fiċ-ċirkostanzi partikolari l-akkużati ma kienx jimmeritahom piena karċerarja u għalhekk applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali;

B) L-istess artikolu 21 jipprovdi li fl-applikazzjoni tiegħu l-Qorti għandha tosserva l-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali;

Ċ) L-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali, *inter alia,* jistabbilixxi bla ħsara ta' l-eċċezzjonijiet li tagħmel il-liġi, liema huma l-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għad-delitti u fost dawn il-pieni hemm dik tal-multa;

D) Skond l-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra l-*maximum* tal-multa huwa ta' ħames mitt liri Maltin (Lm500) u l-*minimum* huwa ta' għaxar liri Maltin (Lm10);

E) Isegwi għalhekk illi l-massimu tal-piena konsistenti f'multa li l-ewwel Onorabbli Qorti setgħet skond il-liġi tagħti kien ta' ħames mitt liri Maltin (Lm500) u dan anki skond il-priniċpju ta' *nulla poena sine lege"*;

Dawn huma *in linea di massima* l-aggravji ta' l-appellanti għal dak li jirrigwarda l-allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi. L-istess appellanti, però għamlu sottomissjonijiet ulterjuri in sostenn tat-teżi tagħhom li l-multa f'kull każ għandha ukoll tkun inqas mill-massimu ta' Lm500. *Is-sottomissjonijiet tagħhom fir-*rigward huma dawn:

F) Kif jirriżulta minn dikjarazzjonijiet ta' l-imputati, bejn wieħed u l-ieħor kien hemm distinzjoni sostanzjali anke f'dik li hi parteċipazzjoni fid-delitt; infatti jirriżulta manifest mill-atti proċesswali illi l-feriti tad-daqqiet kienu kkawżati minn Carmel *sive* Charles Borg filwaqt illi Joseph Borg tqabad biss ma' Galea;

G) L-appellant Joseph Borg inolttre sofra ukoll feriti fl-istess inċident u għad għandu mankament fuq idejh li jidher *manifestament*;

H) Isegwi għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi kellu jkun hemm mitigazzjoni tal-piena favur l-istess Joseph Borg;

Ikkunsidrat:

Min-naħta tiegħu l-appellat Avukat Ġenerali issottometta illi:

A) L-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi ordni ta'

kwalità u mhux ta' kwantità u għalhekk kwalunkwe multa, hi kemm hi, hija dejjem piena anqas minn piena ta' ġurnata priġunerija. Għalhekk ċertament ma jistax jingħad li l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ġie applikat ħażin;

B) L-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali japplika biss għal dawk il-każijiet fejn il-Liġi tipprefiġġi l-piena tal-multa bla ma tistabbilixxi massimu;

Ċ) Fil-każ preżenti l-leġislatur ma pprefiġġiex il-piena tal-multa iżda dik tal-priġunerija u għalhekk jekk l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li kellha tinżel taħt il-minimu u tapplika l-piena tal-multa minflok dik tal-priġunerija allura taħt il-liġi setgħet tiffissa bħala multa dik is-somma li kien jidhrilha xieraq bla rbit ta' massimu għax kif ingħad l-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali ma japplikax għall-każijiet fejn il-piena prevista mhix dik tal-multa;

D) Jidher ukoll li l-apprezzament ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kien fis-sens li l-każ kien jimmerita piena pekunjarja qawwija u għalhekk is-sottomissjonijiet ta' l-appellat Joseph Borg li għandu jkun hemm riduzzjoni ulterjuri fil-*quantum* tal-multa fil-każ tiegħu mhix attendibbli;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma konsiderata tagħha fir-rigward tal-kwistjoni prinċipali involuta f'dan l-appell, filwaqt li s-sottomissjonijiet ta' l-appellat Avukat Ġenerali huma bbażati fuq interpretazzjoni estensiva li mhix konformi mal-prinċipji li jirregolaw l-istitut ta' l-interpretazzjoni f'materja penali, dawk ta' l-appellanti huma

bbażati sewwa fil-liġi. Din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għal dawn ir-raġunijiet:

1) L-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali ma jiddistingwix *bejn multa inflitta għal delitti fejn il-piena stabbilita hija proprju* l-multa u każijiet oħra fejn għalkemm tkun ġiet inflitta multa l-piena stabbilita tkun ta' xort'oħra. Għalhekk skond ir-regoli ta' interpretazzjoni din il-Qorti ma tistax toħloq distinzjonijiet li l-istess leġislatur ma kkrejax. L-Avukat Ġenerali qed jagħti lill-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali interpretazzjoni estensiva li fl-ewwel lok m'hemmx lok għaliha u fit-tieni lok mhix leċita: l-ewwel għax il-leġislatur fl-artikolu 11 kien ċar biżżejjed u t-tieni għaliex skond l-istess artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali l-massimu tal-multa jista' jkun ta' aktar minn Lm500 biss fejn il-liġi tipprovdi għal tali eċċess u minn imkien ma jirriżulta li għal każijiet bħal dak preżenti l-leġislatur awtorizza lill-Qorti teċċedi l-massimu stabbilit bl-imsemmi artikolu;

2) Meta l-ewwel Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni li jagħtiha l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ddeċidiet li mhux biss tinliġġi piena li hija taħt il-minimu stabbilit mil-liġi iżda ukoll *li din il-piena tkun tikkonsisti f'multa, billi m'hemm ebda* disposizzjoni li tawtorizzaha teċċedi l-limitu previst mill-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali hija kienet marbuta bil-limitu ta' Lm500 li jippreflġġi l-imsemmi artikolu;

Kwantu jirrigwarda s-sottomissjonijet l-oħra li l-multa għandha tkun anki anqas minn Lm500, din il-Qorti enfatikament ma taqbilx. Ma taqbilx għax id-delitt li tiegħu l-appellanti ġew misjuba ħatja ċertament ma jimmeritax piena anqas u anki għaliex konformement mal-prassi li din il-Qorti dejjem segwiet

in materja ta' piena, hija tirrispetta l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti u f'dan il-każ hu ovvju li ċertament dik il-Qorti ma kinitx tal-fehma li l-każ kien jimmerita multa ta' anqas minn Lm500;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell ta' Joseph Borg u ta' Carmel *sive* Charles Borg billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduċi l-multa inflitta fuqhom mill-ewwel Onorabbli Qorti minn elfejn u ħames mitt lira Maltin (Lm2,500) kull wieħed għal ħames mitt lira Maltin (Lm500) kull wieħed filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata. L-appellanti huma minn issa awtorizzati jisbankaw mid-depożitu preventiv tagħhom id-differenza bejn dak li issa ġew ikkundannati jħallsu u dak li ddepożitaw in esekuzzjoni tas-sentenza appellata.